

# Diskursata ma' Indri Borda fuq il-films...

**Ammiratur, kollezzjonist u esebitur ta' ħames wirjiet!**

*Intervista ta' Louis Vassallo ma' Indri Borda, il-Ġimgħa 13 ta' Jannar, 2017*

Sieħbi Indri li llum hu s-sagristan irtirat tar-Rotunda tal-Mosta, wera x-xewqa li nintervistah dwar il-passatemp favorit tiegħu – dak tal-films antiki ta' Hollywood, għax hu konvint li se titqanqal nostalġija fost dawk minnkom li għextu din l-epoka tad-deheb fl-istorja taċ-ċinematografija. Laqgħani fil-garaxx tiegħu biswit it-teatru taċ-ċinema privat tiegħu, bieb ma' bieb ma' daru stess. Kull fejn iddawwar ħarstek, ma tilmaħx ħlief kwadri b'ritratti ta' artisti famużi ta' dari, imdendlin mal-erba' ħitan. Dlonk ftakart meta għal tliet snin sħaħ, kull nhar ta' Erbgħa konna niltaqgħu f'dan il-garaxx għas-seduti tal-kumitat ta' Talent Mosti. Dak iż-żmien, din l-għaqda ma kellhiex is-sede tagħha u sabet ir-refuġju propju hawn, grazzi għal qalb tajba ta' Indri nnifsu, li kien parti minn dan il-kumitat. Kien minn ġo din il-kamra partikulari, fejn inħolmu għadd ta' xeni mill-vidjows ta' 'Wenzu u Rożi' u ta' 'Ġanni u l-Ħbieb', li b'sagrifiċċju personali minn naħa tal-membri u l-awturi nfushom wasslet biex din il-ħolma rat id-dawl tat-twettieq u s-sodisfazzjon misthoqq!



*Indri jqalleb fl-albums tat-tifkiriet bir-reels tal-films fl-isfond*

Meta mbagħad fl-1997, Talent Mosti beda juża r-Razzett tal-Markiż fuq ir-riħ ta' Wied il-Għasel bħala l-kwartieri uffiċjali tiegħu, Indri kien it-tielet persuna li esebixxa f'dan iċ-ċentru kulturali b'għanijiet filantropiċi. Dan wassal biex finalment tella' fih, xejn inqas minn ħames wirjiet! Kollha marbuta mad-delizzju tal-films, iżda b'laqta differenti u suġġestivi. Ħassejt li din l-intervista għandi nfassalha fuq din l-esperjenza sabiħa li lkoll għexnieha flimkien, u minnha noħorġu punti interessanti skont it-tema magħżula għal kull esebizzjoni.

## Il-Magni tal-Films

Bdejt, billi fakkartu fl-ewwel wirja tiegħu, dik li ġiet inawgurata mis-Sur Albert Marshall, nhar l-1 ta' Marzu 1998. Is-suġġett tagħha kien wieħed miftuħ ħafna, "iċ-Ċinematografija". Tajjeb li wieħed jifhem, li Indri ma jinteressahx biss il-kollezzjonijiet tar-ritratti u l-posters tal-films, iżda fuq kollox dak tekniku. Fi tfulitu, ommu b'sagrifiċċju finanzjarju kienet xtratlu *projector* tat-tfal. Għadu sal-lum fil-memorja tiegħu, jara l-istampi sbieħ tiegħu mal-ħitan tad-dar. Apparti l-kaxxa tal-kartun bl-istampi tal-komiks dan kien il-bidu, lejn in-namra tal-magni tal-films. Meta beda jaħdem, xtara waħda Super 8, imbagħad tħajjar għal dik tas-16mm, sakemm wasal biex xtara dik tal-35mm. Jien ridt



*Fil-gabina mal-magni tal-films – l-għaxqa tiegħu!*

inkun naf id-differenza ta' bejniethom u x'esperjenzi kellu bihom, "Ħa ngħidlek" qalli, "Dawk tas-16mm kienu jintużaw biex jintwerew il-films f'xi lukandi". Staqsejtu fejn ġieli mar u xi skop kellu f'moħħu b'dan ix-xogħol. "Għamilt żmien kont nuri xi films tat-tfal waqt il-parties u anki films għat-turisti kont indawwar. Bil-flus li kont naqla' kont nista' nixtri films ġodda. Fl-Amerka kelli ħabib u kont nibgħat għalihom hemm. Rigward dawk tal-35mm kienu jużawhom fis-swali tat-talkies." Kont kurjuż u ridt inkun naf mingħandu f'liema teatri ħadem, imma kont ċert dwar l-Oratorju Qalb ta' Ġesù. "U dażgur fl-Oratorju ta' Dun Anġ, Alla jagħtih il-glorja tal-Ġenna, dawwart ħafna films hemm. Flimkien ma' sieħbi Fredu Cachia tan-Naxxar. Darba, dawwart film u kull darba li jintwera, kulħadd kien joħroġ jibki, anke Dun Anġ kien jaqbiżlu d-dmugħ! Dan kien 'The Balloon Vendor' li magħna l-Maltin kien magħruf bħala ta' Giacomino". F'pajjiżna kien ħareġ fil-bidu tat-tmeninijiet u dam żmien twil jintwera fl-Upper Savoy tal-Belt. Kien film ta' qsim-il qalb tal-1974, tad-Direttur Taljan Mario Gariazzo. "Għal tliet darbiet ħdimt fil-Palladium li kellna l-Mosta u li kien popolari immens. Tista' tgħid li ġiet b'ċikka!" Sirt naf minn għandu li Lino Bartolo kien il-*projectionist* ta' dan it-teatru għall-aħħar ħmistax-il sena tiegħu, minbarra għal tlett ijiem biss! Meta dan iżżewweġ, mar għal tlett ijiem qamar-il għasel u postu ma ħadulu ħadd ħlief, Indri!

Pass wara l-ieħor, bena kollezzjoni vasta ta' kull tip ta' films, grazzi l-aktar għall-għażiż Lino Cassar. Kien jixtri wkoll films li jkun għadda ż-żmien minn fuqhom mingħand is-sid tar-Radio City, tal-Hamrun. Peress li dawn il-films partikulari għandhom żmien żem żem fuqhom, staqsejtu jekk illum għadekx tista' tarahom. "Mela le. Ħafna minnhom huma ċari daqs il-kristall. Il-*black and white*, speċjalment jibqgħu tale kwale. L-aktar li jbatu huma tal-kulur għax maż-żmien l-ilwien fuq it-tertuqa jibdew jintfew".

Ħadni f'naħa oħra u hemm tfaċċaw quddiemi ringieli sħaħ ta'xkafef, ippakkjati biżibilju ta' *reels* tal-films, għax kull film ikun kompost minn numru ta' dawn l-irkiekel kbar mhux ħażin. Meta kont fiż-Żgħażagħ Azzjoni Kattolika mhux l-ewwel darba li flimkien ma' xi tnejn minn sħabi kien iqabbadna Dun Anġ biex intellgħuhom mill-garigor li mit-teatru jagħti għal kamra tal-films. Kien fihom kedda!

Għarrixt għajnejja fuq l-ismijiet ta' xi wħud, u fost lista ma tispiċċa qatt, irnexxieli ngħaraf madwar sebgħa: 'The Robe', 'The Champ', 'Ben Hur', 'The Ten Commandments', 'El Cid', 'Lassie' u 'Towering Inferno'.

Maltin Leġġendarji

It-tieni wirja xeħtet dawl fuq żewġ Maltin ta' isem li bit-talenti tagħhom għexu fost l-istilel ta' Hollywood. Meta semmejtlu lil Oreste Kirkop, lil Joseph Calleia, ħassu kommoss. Kienu ħbieb kbar tiegħu. Għalhekk ma ħasibx darbtejn biex din il-wirja tkun omaġġ nisthoqq ħalli l-pubbliku jiġi wiċċ imb'wiċċ mal-karriera eċċezzjonali ta' kull wieħed minnhom. Ġiet miftuħa għall-wiri nhar is-Sibt 17 ta' Settembru 2000 mis-Sinjura Theresa



*Bl-inkwatru f'idejh, li juri lil Joseph Calleia u Oreste Kirkop flimkien miegħu waqt ħarġa sal-Madliena*

Chircop, l-armla ta' dan it-Tenur Leġġendarju ta' fama Internazzjonali. Din l-esperjenza memorabbli diġà għaddew 17-il sena minn fuqha, iżda tibqa' friska fil-memorja tagħna. Dan għal fatt li dakinhar tal-inawgurazzjoni tal-wirja, Oreste Kirkop għalkemm marid għoġbu jibgħatilna poster bil-firma tiegħu tal-film 'The Vaganbond King' u kif ukoll irregalalna waħda mill-ingravati personali tiegħu. Dan kollu seħħ xagħrejn biss qabel ħalliena. "Il-ħbiberija tiegħi ma' Oreste Kirkop, Ħamruniż bħali bdiet b'kumbinazzjoni, wara li għentu biex jara film li tant kien jixtieq fit-teatru tiegħi u kien hu li laqqgħani mal-attur Joseph Calleia". Dan l-attur Malti, imwieled ir-Rabat fl-1897, għamel karriera f'Hollywood. Kien jispikka l-aktar f'karattri Taljani, Messikani jew Griegi. Fl-1963, ġie lura Malta biex jirtira wara l-aħħar film tiegħu 'Johnny Cool' ta' Henry Silva u Elizabeth Montgomery. F'Hollywood dam 28 sena li matulhom deher b'kollox f'61 film! Kien hemm Malti ieħor li għamel suċċess, dan kien John Grima, imma fil-Kanada". B'mod emozzjonat ftakar f'dawk il-jiem sbieħ

meta kien joħroġ ma' Joseph u Oreste bil-karozza sal-Madliena. "Fil-kumpanija tagħhom kont inkun fil-ġenna tal-art. Ir-rakkonti tagħhom ma kienu jieqfu qatt. Dejjem b'xi waħda ġdida! Oreste kellu lukanda f'Tas Sliema li ma kinitx tintuża u hemm kont noqgħod indawrilhom il-films. Joseph Calleia kien jogħxa jara l-film 'Polomino' li kien ħadem fih hu stess. Konna sirna ħbieb tal-qalb". Il-ġenerożità ta' Indri wasslet biex irregala lil Talent Mosti, bust ta' Oreste, xogħol tal-Iskultur Anton Agius, wara li kien ġie mogħti lilu mill-familja Chircop. Illum, flimkien ma' oħrajn jinsab fil-ġnejna tar-Razzett tal-Markiż li jibqgħu jfakkruna f'persuni li rsistew bi ħġarhom b'risq il-kultura u l-ġid tal-proxxmu.



***l-inawgurazzjoni tal-bust ta' Oreste Kirkop flimkien ma' wliedu, fir-Razzett tal-Markiż nhar il-Ġimgħa 20 ta' Settembru 2013***

**Films Epiċi**

Fis-snin ħamsin u sittin tas-seklu għoxrin, l-influwenza taċ-ċinema ħakmet lil bosta żgħażagħ għax toffri kullana ta' emozzjonijiet imħallta. Ferħ, mibegħda imħabba u niket. Sliem u vendetta. Għira tal-qalb u serħan ir-ruħ. Mistiċiżmu konventwali u avventuri biż-żwiemel jew imqar xi ġlieda bix-xwabel. Għalhekk, żgur li ċ-ċinema hi fost l-aqwa forom ta' arti kontemporanja għax toffri funtana ta' espressjonijiet diversi. "Illum tikri DVD jew fuq l-internet stess, u tara d-dinja quddiemek. Iż-żmien inbidel ħafna u sar hawn wisq iktar mezzi biex taħdem. Ħafna films qed isiru bl-użu tal-kompjuters. X'differenza mill-films l-antiki! Jien mhux qed immaqdar b'daqshekk lill-films ta' żminijietna, iżda l-antiki huma għal qalbi wisq!"

Weġibtu li qatt ma kelli dubju dwar dan! Qalli, "F'wirja minnhom kont esibejt numru ta' posters tal-films li kienu kbar u għadhom meqjusin hekk sal-lum". Fakkarni li din fil-fatt kienet it-tielet wirja tiegħu fir-Razzett tal-Markiż u li għammidnieha bl-isem "Posters ta' Films Epiċi". Kien il-kritiku tal-films, is-Sur Mario Azzopardi li inawguraha nhar is-Sibt 24 ta' Jannar 2004. Il-kollezzjoni tal-posters tlaħħaq mal-elf wieħed. Kien missieru li bdielu din in-namra. Kellu ħafna ħbieb li kienu jafu b'dan il-passatemp u wara li jkun xorbilhom moħħhom, kienu jgħaddulu l-posters li kien jixtieq. Dawn il-kartelluni kienu jitwaħħlu mal-ħitan tat-teatri taċ-ċinemas bħala reklam biex in-nies tkun taf liema films qegħdin għall-wiri. Meta jiġu f'idejk u tarahom mill-viċin, apparti n-nostalġija li jirradjaw fik, tapprezza l-arti tal-pitturi, għax f'dawk iż-żminijiet kollox kien isir bl-idejn. Illum, lanqas nimmaġinaw li dawn il-posters kienu jsiru b'mod manwali, frott it-talenti tad-disinjaturi. Ma kien jaħrabilhom xejn, kollox spjegat u li jolqot l-għajn, għax dak importanti ħafna!

'The Ten Commandments', 'Ben-Hur', 'The Great Caruso', 'Gone with the Wind', 'The Vagbond King' flimkien ma' ruxxmata Westerns bil-protagonist ta' dan il-ġeneru, John Wayne. Urieni tnejn minnhom li partijiet sostanzjali minnhom kienu nħaddmu f'Malta; 'The Malta Story' u 'Eyewitness'. "Dawn huma t-teżori tiegħi", qallu Indri b'ċertu sodisfazzjon. U kompla jifrex quddiemi aktar kartelluni tal-'King Kong' tan-1938, ftakar fi praspura ta' missieru. "Meta akkwistah, missieri fettillu jdendlu fit-taraġ tad-dar. Ommi kienet il-ħin kollu treddinlu biex jaqilgħu minn hemm għax qed ibeżża' lit-tfal!"

**Il-Ġganti ta' Hollywood**

Apparti l-posters, missier Indri kien jikkollezzjona wkoll diversi ritratti ta' artisti li għamlu isem fuq il-liżar il-kbir. "Illum, dawn ir-ritratti huma mfittxija daqs id-deheb, għax missieri żammhom f'kundizzjoni tajba, frott l-għożża li kellu għalihom". Barra l-inkwatri, Indri għandu diversi albums bir-ritratti tal-artisti kemm dawk li darba kienu ta' missieru u kif ukoll ta' dawk li kompla jġemma' hu




***Diversi posters tal-films li jqanqlu nostalġija, esebiti fis-sede tal-Għaqda - Anthony Steel fil-partijiet ewlenin***

matul is-snin. Fetaħli xi wħud minn dawn l-*albums* u kif ukoll għadd ta' kotba u rivisti antiki dwar iċ-ċinema. "Iva, qed nagħrafhom, dawn huma dawk li kont esibejt fis-sede tagħna u li bihom bnejt ir-raba' wirja li semmejtha 'Il-Ġganti ta' Hollywood'. Hux veru Indri?" "Daqshekk hu" weġibni pront pront. Fil-fatt, din il-wirja bdiet l-esperjenza tagħha nhar is-Sibt 16 ta' Ottubru 2004 fejn il-mistieden speċjali kien l-Onor. Evarist Bartolo.




*Il-poster tal-film 'The Malta Story' tal-1953, b'Alec Guinness, Jack Hawkins u Victor Mature, l-artist favorit ta' Indri, flimkien ma' Hedy Lamarr u l-poster ta' 'Demetrius and the Gladiators' li hu l-aktar film għal qalb Indri*

"Dawn ritratti minn ta' missieri. Ara, Clark Gable u Vivien Leigh f''Gone With the Wind'. Xi ġmiel hux? Kien iġibhom mill-Amerka u xi wħud minnhom huma ffirmati mill-artisti nfushom!" beda jgħidli b'ton ta' sodisfazzjon. "Allura, liema huma dawk l-artisti li l-aktar li kienu jogħġbuk?" Ir-risposta kienet waħda ta' malajr. "Mill-irġiel, żgur li hu Victor Mature, għax saħħarni mill-ewwel darba li rajtu fil-film 'Samson and Delilah'. Susan Hayward hi l-artista favorita tiegħi. In-*number one*! Flimkien ma' Victor Mature kienet ħadmet miegħu fil-film 'Demetrius and the Gladiators'. U trid tkun taf xi ħaġa oħra?" staqsieni bil-ħatfa. Daqqa b'rasi 'l isfel urejtu l-kurżità tiegħi. "Dan, fil-fatt hu l-aktar film li ndawwar fiċ-ċinema tiegħi. Ma nixba' narah qatt! Isma', hemm ferm iżjed artisti li jogħġbuni.....bħal Charlton Heston, Yul Brynner, Roger Moore, Sofia Loren, Vincent Price,




*'The Early Bird' ta' Norman Wisdom. Xi membri tat-Talent Mosti kienu rawh fit-teatru ta' Indri*

Anthony Quinn u l-bqija. Bħala komiċi nħobb lil Harold Lloyd, Charlie Chaplin, Laurel and Hardy u l-films ta' Norman Wisdom. Hawn ftakart u fakkart lil Indri, li xi snin ilu kont rajt l-uniku film fiċ-ċinema tiegħu. Dan kellu jkun 'The Early Bird' ta' dan il-komiku Ingliż per eċċellenza li jgħaxxik bid-daħk. Jekk niftakar tajjeb kont rajtu ma' Joe Bartolo, Alfred u Marthese Cassia u Joe Borg. Kienet esperjenza ħelwa.

Staqsejtu jekk kienx iltaqa' ma xi artisti meta kienu għall-btala f'Malta u naturalment ġew biex jimmeraviljaw ruħhom bir-Rotunda, fejn Indri kien ikun hemm ta' kuljum bħala wieħed mis-sagristana. "Dażgur, mela! Iltqajt ma' Ernest Borgnine li deher ma' Anthony Quinn fil-film 'Barabbas'. Ma' Michael Rennie tal-film 'The Robe'. Ma' Harry Andrews li ħadem fi 'Black Knight'. Kelli x-xorti li nara lil Roger Moore, magħruf għall-films ta' James Bond u għas-sensila televiżiva 'The Saint'". Wieħed mill-episodji tagħha kien inġibed f'Malta, fejn il-pjazza tan-Naxxar għamlet 'dubbing' ma' dik ta' Palermo fi Sqallija. "Alla jaħfirlu, il-ħabib tiegħi Lino Cassar kien laqqgħani wkoll ma' Michael Klinger, il-*producer* ta' 'Shout at the Devil' (1976) u ma' John Hough, id-direttur ta' Eyewitness (1970) li partijiet sostanzjali minnhom inħadmu f'pajjiżna. Sintendi, fil-maġġoranza ta' dawk li għaraft kienu jkunu moħbijin fost il-grupp tat-turisti". Iżda Indri kien jiċċombhom! "Aktar riċenti, waqt iż-żwieġ tiegħu ma' tfajla Maltija, rajt lil Matthew Marsden li ħadem fil-film televiżiv 'Helen of Troy', li wkoll inġibed f'Malta. U ħadt ritratt miegħu wkoll!

**Iddeverti mur it-Talkies**

Sas-snin sebgħin tas-seklu għoxrin, kien jidher reklam fil-ġurnali ta' kuljum bit-titlu "Iddeverti mur it-Talkies". Meta fil-kantina tal-'Grand Café' f'Boulevard ta' Pariġi, f'lejla ta' Diċembru 1895, l-aħwa Lumierè wrew lil-mistednin l-ewwel produzzjonijiet tagħhom bil-magna li vvintaw huma stess, ħadd ma basar x'futur kien se jkollha l-industrija taċ-ċinema. "Missieri kien jirrakkonta li kif fi żmienu, meta ċ-ċinema kienet *silent*, kien ikun hemm mara taħt il-palk, iddoqq fuq pjanu biex toħloq naqra atmosfera". 'The Jazz Singer' tal-1927, kien l-ewwel film bis-*sound* li ntwera f'Malta. Kien *silent* bħall-oħrajn, iżda meta Al Johnson kien imissu jkanta, kien semma' leħnu verament lill-udjenza. In-nies laqgħu din l-invenzjoni b'ċapċip kbir. Wara, il-*producers* tal-films intebħu li la darba nstema' il-kant, faċli li l-parlant bejn l-artisti jibda' jinstema wkoll. U hekk twieled it-Talkies! Ħaġa ġġib



*'Annie Get Your Gun' tal-1950, jibqa' marbut mal-ġenerożità ta' Salvu Bartolo b'risq il-Parroċċa tal-Mosta*

lil oħra u b'hekk bdew jinfetħu numru ġmielu ta' swali, magħrufa bħala "talkies". Wieħed mill-ewwel postijiet f'Malta li nbidlu fi swali tat-talkies kien fil-Belt kapitali Valletta biswit Pjazza Reġina. Dan kien 'Caffee del Commercio' li llum hu 'Cafè Cordina'. Kien iddekorat b'pitturi u affreski ta' Giuseppe Calì, li għadhom jidhru sal-lum. Is-suġġett tat-talkies kien it-titlu tal-ħames esebizzjoni li tella' f'dan iċ-ċentru ta' kultura Nazzjonali u li ġiet inawgurata nhar is-sibt 17 ta' Jannar 2009 mill-Onor. Anthony Agius Decelis. Indri saħansitra kien biddel biċċa sewwa mis-sala ewlenija tal-wirjiet, imsemmija għall-President attwali tal-għaqda Joe Bartolo, fi speċi ta' teatru ċkejken bis-*seats* ukoll. Meta wrejtu ritratt ta' din l-attività, qalli, "Dawn huma parti mill-kumplament li għandi fit-teatru tiegħi, fil-fatt għandi mas-16–il wieħed. Fil-Mosta kien hawn wieħed li xtaq jiftaħ teatru ieħor taċ-ċinema, iżda ma kienx inħariġlu l-permess. Kont akkwistajthom mingħandu". "Allura x'kien ifisser għalikom it-talkies f'żgħożitkom?" staqsejtu. "It-talkies kien il-ħarġa tagħna dak iż-żmien. Kienu jkunu mballati bin-nies u biex tara l-film li xtaqt, ridt tibbukkja minn ġimgħa qabel. Fil-Ħamrun fejn kont ngħix qabel ġejt il-Mosta, kellna l-Hollywood, l-Odeon, ir-Radio City, it-Trianon u r-Rex. Kont inħobb immur nara l-films fis-sala tal-patrijiet Karmelitani f'Santa Venera. Hemm minnhom li twaqqgħu waqt li oħrajn ġew abbandunati. Taqbadni għafsa ta' qalb meta ngħaddi minn dawk l-inħawi.

Bla ma ridt staqsejtu dwar il-Palladium (1952 – 1977), it-teatru taċ-ċinema tal-Mosta li kien flok il-Bank tal-HSBC fi Triq il-Kostituzzjoni. "Kien fetaħ bil-film 'Samson and Delilah', bl-attur favorit tiegħi Victor Mature, kif diġà għedtlek. Kienu twaħħlu strixxi kbar fuq il-kartelluni tiegħu bil-kliem "First Run in Malta", biex juru li qed jintwera għall-ewwel darba f'Malta, propju fil-Mosta. Fil-25 sena li dam miftuħ, il-Palladium, qatt ma reġa' kellu opportunità bħal din!" Dan it-teatru kien jesa' 812-il ruħ u l-propjetarju kien is-Sur Salvu Bartolo li kien magħruf minn kulħadd bħala Salvu tat-Talkies! Indri qallu wkoll li t-tieni film li ntwera kien 'Annie Get Your Gun' u l-qliegħ kollu, is-Sur Bartolo għaddieh lill-Arċipriet Dun Paul Galea għall-bżonnijiet tal-Parroċċa tal-Mosta. Ġest sabiħ ħafna.

"Louis, jekk ma jimportax nixtieq insellem lil persuna partikulari". Filwaqt li staqsejtu għal min, qalli, "Għaċ-ċiklist Mosti Johnny Dimech li miet b'inċident tat-traffiku nhar l-14 ta' Mejju 2016. "Kont noħodlu kull magna jew apparat ieħor għat-tiswija u dejjem qdieni sewwa. Miskin, ħalliena żgħir, m'hemmx x'tagħmel – destin!

### Il-Bejta Tiegħu

Konna qed noqorbu lejn it-tmiem ta' din id-diskursata, għax nofsinhar kien qorob u ż-żaqq bdiet tgorr! "Stenna", qalli Indri bl-għaġla. "Qabel titlaq, għaddi waħda sat-teatru tiegħi". Baqa' kollox kif kien sa mill-aħħar darba li rajtu! Ftakart f'reklam li jgħid "Some things never changed!" U t-teatru ta' Indri hu wieħed minnhom u hu meqjus bħala l-bejta tiegħu, u għandu raġun! Kienet il-ħolma ta' ħajtu li rnexxielu jagħmel realtà. Hu teatru żgħir, iżda armat bl-kollox sal-iċken dettall bħal dawk it-teatri li niftakar fi tfuliti, l-aktar tal-Mosta u tal-Belt. Fuq in-naħa ta' wara għandu kamra fejn idawwar il-films, li fl-Oratorju konna nirreferu għaliha bħala l-gabina.

Ħadtlu b'idejh, li hu għafashili waħda tajba u għidtlu biex issa jħalli f'idi. Minn naħa tiegħu qalli "Meta trid niftehmu, ara meta tkun komdu u erġa' ejja biex naraw film sabiħ hawn, x'taħseb?"


*'Some things never changed' – it-teatru ta' Indri!*